MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 108/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jurgen Xerri**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jurgen Xerri u persuna ohra talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(1) Fil-gimghat ta' qabel l-4 ta' April 2006, wara nzul ix-xemx, f'Rahal Gdid, ikkommettew serq ta' diversi prodotti ta' l-ikel, liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u l-

valur li ma jeccedix l-elf lira (Lm1,000) sar ghad-dannu ta' John Cuschieri mill-Gharghur;

(2) Fil-gimghat ta' qabel l-4 ta' April 2006, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg, u cioe` l-prodotti msemmija, misruqa, mehuda b'qerq jew akkqistati b'reat. Sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

(3) Nhar is-27 ta' Mejju 2006 f'xi hin wara nofsinhar, f'San Giljan, ikkommettew serq ta' diversi fleixken tax-xorb u oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u l-valur l ma jeccedix l-elf liri Maltin (Lm1,000) u li sar ghad-dannu ta' Neville Papagiorcopulo minn San Giljan;

(4) Fis-27 ta' Mejju 2006 f'xi hin wara nofsinhar, f'San Giljan, ikkommettew serq ta' ghodod, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u li sar ghad-dannu ta' John Alfred Micallef minn San Giljan;

(5) Fis-27 ta' Mejju 2006 f'xi hin wara nofsinhar, f'San Giljan, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` fis-serratura tal-bibien tal-garaxxijiet, liema hsara li teccedi l-ghaxar liri Maltin (Lm10) izda hija inqas minn hamsin liri Maltin (Lm50) saret ghad-dannu ta' Neville Papagiorcopulo u John Alfred Micallef, it-tnejn minn San Giljan;

(6) Nhar it-3 ta' Gunju 2006 f'xi hin wara nofsinhar, f'San Giljan, ikkommettew serq ta' diversi ghodod, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u l-valur li ma jeccedix l-elf liri Maltin (Lm1,000) u li sar ghad-dannu ta' Paul Graham John Hardy minn San Giljan;

(7) Fit-3 ta' Gunju 2006 f'xi hin wara nofsinhar, f'San Giljan, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` fiss-erratura ta' bieb ta' garaxx, liema hsara li ma teccedix l-ghaxar liri Maltin (Lm10) saret gahd-dannu ta' Paul Graham John Hardy minn San Giljan;

(8) Jurgen Xerri wahdu bi ksur ta’ ordni ta’ probation fejn kien gie misjub hati b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 18 ta’ Mejju 2006;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Marzu 2007, li permezz taghha dik il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni li nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u, fuq ammissjoni, sabet lill-imsemmi Jurgen Xerri hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra dedotti u, wara li rat l-artikoli 18, 261, 263, 267, 270, 325, 334, 49 u 40 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ordnat li jitqieghed that ordni ta’ *probation* ghal zmien tliet snin ai termini ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-Avukat Generali li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta’ htija izda tirrevoka l-ordni ta’ *probation* u tinfliggi l-piena skond il-ligi b’mod li l-appellat jigi kkundnnatr ghal piena karcerarja effettiva;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tas-27 ta’ Gunju 2007 fejn Dott. Franco Debono ghall-appellat eccepixxa l-irritwalita` u n-nullita` tar-rikors ta’ appell minhabba li ma jissodisfax ir-rekwiziti mehtiega taht piena ta’ nullita` taht l-artikolu 419(1) tal-Kap. 9;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Ghalkemm id-difiza eccepiet in-nullita` tar-rikors ta’ appell minhabba karenza tal-fatti fil-qosor, meta din il-Qorti giet biex tezamina l-atti processwali ghall-fini ta’ l-istezura tas-sentenza osservat illi, filwaqt illi l-Avukat Generali qieghed jitlob ir-riforma tas-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta’ htija izda tirrevoka l-ordni ta’ *probation* u tinfliggi piena karcerarja effettiva, dwar l-imputazzjoni li dwarha l-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni

taghha (it-tieni imputazzjoni) l-Avukat Generali ma qal xejn.

Issa, kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Galea** deciz fit-30 ta' Gunju 1995, hi gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti li n-nuqqas ta’ xi wiehed mir-rekwiziti msemmija fis-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 419 tal-Kap. 9 hi sollevabbli *ex officio* mill-Qorti, essendo dik id-disposizzjoni u dawk ir-rekwiziti ta’ ordni pubbliku. F’dik l-istess sentenza, din il-Qorti diversament presjeduta dahlet *funditus* fil-kwistjoni tan-nullita` tar-rikors ta’ appell u waslet ghal dawn il-konkluzjonijiet:

**“(a) Bhala regola generali, id-disposizzjoni in ezami, cioe` li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza, giet ‘very strictly and rigidly interpreted’ (<u>The Police v. John Hill</u>, Criminal Appeal, 23/9/72).**

**(b) Ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-tahsir <u>jew</u> ghat-tibdil, fil-prassi ta’ din il-Qorti dejjem gie accettat, fil-kazijiet li hekk jippermettu, li jkun hemm kemm talba ghat-tahsir kif ukoll talba ghat-tibdil, purche` li din it-tieni talba tkun subordinata ghall-ewwel wahda. Infatti, anke jekk intalab biss it-tahsir, din il-Qorti tista’ flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellat - skond min ikun appella – tilqa’ l-appell in parti u tbiddel is-sentenza, per ezempju limitatament ghall-piena inflitta fuq l-appellant. Mill-banda l-ohra, jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet, gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba gat-tahsir, ir-rikors ikun null (<u>P. v. Anthony Zammit</u>, 1/10/60, Vol. XLIV.iv.940; <u>P. v. Richard Vincenti Kind</u>, App. Krim., 16/9/72); <u>P. v. Carmelo Agius</u>, App. Krim., 14/10/72).**

**(c) Ir-*raison d'etre* tal-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 419 huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza. Il-legislatur evidentement ried li r-rikors**

**ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-intimat fil-posizzjoni li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn xhiex qed jilmenta l-appellant, u x'inhu jitlob."**

Gie ritenut ukoll illi l-ahjar formola ritwali li ghandha tigi segwita f'kaz ta' talba ghal riforma, tibdil jew varjar tas-sentenza hija dik li fl-ewwel lok tintalab ir-riforma, tibdil jew varjazzjoni, imbaghad tintalab il-konferma tal-parti tas-sentenza li ma jkunx qed isir appell minnha u fit-tielet lok tintalab ir-revoka, thassir, tahsir jew annullar tal-parti tas-sentenza li jkun qed isir appell minnha, u fl-ahhar issir it-talba ghat-tibdil mehtieg bhal, per ezempju, li ma tinstabx il-htija ta' akkuza wahda jew aktar jew riduzzjoni fil-piena[1].

Fil-kaz in ezami, l-appellant naqas milli jitlob li din il-Qorti tikkonferma jew tannulla dik il-parti tas-sentenza appellata li permezz taghha l-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni u t-talba tieghu hi bazata fuq il-premessa zbaljata li l-appellat kien instab hati ta' kollox.

Konsegwentement ir-rikors huwa evidentement irritu u null.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tiddikjara l-appell irritu u null u kwindi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-appell.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph John Agius**, 9 ta' April 2003.